# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 530

Il-Ħamis, 20 ta' Mejju, 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard - Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

PREŻENZA TAL-PUBBLIKU:

Perit Gordon Vella
Is-Sur Joe Borg ta' Triq Sarg u s-Sinjura Josephine Psaila ta' Triq Kercem – dawn baqgħu għal laqgħa tal-Kunsill wara l-laqgħa pubblika li saret qabel din il-laqgħa.

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## 530.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċendenti. Dwar punt numru 529.6 tal-laqgħa preċedenti, is-Sindku ssuġġerixxa illi Triq San Girgor ma tibqax tingħalaq għal waqt il-funerali peress li dan qed joħloq inkonvenjent kbir għall-ħwienet. Il-Kunsill qabel ma' dan u ġie deċiż illi jsiru barriers ta' 'No entry for Heavy Vehicles' biss u naraw kif immorru.

Il-minuti ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 530.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

530.2.1 L-AKL talbet li l-Kunsill japplika għal żewġ charging pillars oħra u l-Kunsill applika għal Pjazza Santa Luċija u Triq Għajn Tuta.

530.2.2 Is-Sindku semma illi reġa' ltaqa' mas-Supretendent tal-Pulizija fil-laqgħat li qed isiru ta' kull xahar u ġie deċiż li nerġgħu nitolbu laqgħa oħra ma' TM dwar it-traffic management fejn ir-roundabout fi Triq Kerċem u l-parkeġġ fi Triq Wied il-Lunzjata.

530.2.3 Dwar il-Life Policy li ħarġet mill-AKL għall-Kunsilliera, din ser tiswa Eur65 għal kull Kunsillier. Ġie deċiż li napplikaw għaliha.

530.2.4 Is-Sindku nforma lill-membri illi saret laqgħa mill-Isqof t'Għawdex il-ġdid mas-Sindki. Grazzi għall-Public Cleansing Dept. ġew iddiżinfettati Pjazza San Girgor, Pjazza Orvieto u Pjazza Santa Luċija kontra l-virus tal-Covid-19.

530.2.5 Is-Sindku għarraf lill-membri illi saret laqgħa fejn is-Sindki ta' Ghawdex iltaqgħu mal-Ministru tal-Ambjent u r-Reġjun t'Għawdex dwar il-bini sfrenat li tiela' ġewwa Għawdex.

530.2.6 Dwar l-iskema tal-Lifelong Learning ġie deċiż illi l-Kunsill japplika għall-ganutell.
Il-Kunsill bagħat ittra bil-miktub lil Gatt Construction fejn avżah sabiex id-drenaġġ li għadu jrid jgħaddi fi Triq il-Ġojjin jgħaddih issa qabel ma ssir l-aħħar kisja tat-tarmak għax il-Kunsill mhux ser joħroġ permessi wara li titlesta t-triq.

530.2.7 Il-Kunsill intalab jagħti permess għal xogħolijiet li ser isiru fi Triq San Niklaw u Triq 13 ta' Diċembru minn naħa tal-WSC bħala parti mill-proġett ta' New Water. Il-Kunsill ta No objection bil-kundizzjoni illi t-triq issir fuq il-wisa' kollu tat-triq u ma jsirx patching jew gandotti.

530.2.8 Is-Sindku qal li qed ikollna sitwazzjonijiet fejn trakkijiet tar-Ready Mix qed iwaqqgħu is-siment fit-toroq bil-konsegwenza li l-Kunsill irid inaddaf warajhom. Din id-darba, il-Kunsill għamel rapport lill-Pulizija dwar trakk partikolari li mbagħad ġie jaħsel it-triq għalkemm il-Kunsill kien diġa' neħħa ħafna mis-siment.

530.2.9 Dwar il-playing equipment tal-proġett tal-Għadira, qed insibu problema dwar x'jista'

jsir minħabba li l-ERA mhix taċċetta t-tip ta' equipment li applikajna għalih. Għalhekk se nkunu qed infittxu alternattivi oħra.

530.2.10 Is-SE infurmat lill-Kunsill illi s-subpost office tal-Posta mhux ser ikun qed jaċċetta aktar ċekkijiet mingħand il-konsumatur minħabba li l-Kunsill ma jistax jerfa' responsabbilta' ta' charges extra sakemm jiġi msarraf ċekk.

530.2.11 Il-KL rċieva l-Grant Agreement ta' Miżura 4 u dan ser jiġi ffirmat.

530.2.12 Dwar il-fanal ta' Pjazza Santa Luċija li kellu jsir 'l hemm mis-salib, il-Kunsill ġabar kwotazzjoni ta' fanal b'żewġ bozoz li huwa pariġġ il-fanali li diġa' hemm. Il-kwotazzjoni tiegħu hija ta' Eur1,669.56. Ġie deċiż li jiġi ordnat.

530.2.13 Il-Kunsill Lokali approva lill-Assistant Principal Oliver Farrugia sabiex ikun il-persuna responsabbli min-night safe tal-bank sabiex ikun jista' jagħmel id-depożiti tal-flus tal-Kunsill.

530.2.14 Is-Sindku fakkar li s-sistemi ta' irrigazzjoni huma lesti kollha u fejn in-niċċa ta' Qasam San Ġorġ kellna nagħmlu tank sabiex ikollna aċċess għall-ilma. Dan it-tank ser ikun qed jimtela' darba fil-ġimgħa.

530.2.15 Is-Sindku qal illi t-trampoline ta' Ġnien il-Familja tinsab *out of order* bħalissa minħabba li marrula xi lastku minn taħt. Ser nirranġawha.

530.2.16 Il-Kunsill irċieva email dwar triq imkissra fejn il-barrieri u li l-ħajt tagħha waqa' u qiegħed ta' periklu. Peress li l-Kunsill ma jistax jirranġa dawn it-toroq minħabba nuqqas ta' fondi, ser jitlob lill-Ministeru għal Għawdex sabiex titranġa minn naħa tagħhom.

## 530.3 Deċiżjoni dwar ir-responsabbilta' tat-toroq li qed jitkissru mit-trakkijiet

Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ddeċieda li niktbu lill-Ministeru għal Għawdex sabiex nagħmluha ċara illi l-Kunsill ma jistax jirranġa t-tifrik li qed iħallu t-trakkijiet tar-radam u nkomplu nħalluhom ikissru.

## 530.4 Proġett Triq San Girgor

Preżenti għal din il-laqgħa kien hawn il-Perit Gordon Vella illi ppreżenta l-pjanti li għamel s'issa. Dawn ġew diskussi u emendati xi ftit flimkien mal-Perit. Ġie diskuss illi s-servizzi tad-dawl jitgħaddew minn taħt il-bankina. Għalhekk, il-Kunsill ser ikellem Inġinier sabiex ikun jista' jaħdem mal-Perit fuq dan il-proġett.

Ġie deċiż illi l-proġett jitqassam kif ġej:
L-Ewwel fażi – Bankini ta' Triq San Girgor
It-Tieni fażi – Bankini ta' Pjazza Salvatore Busuttil
It-Tielet fażi – Tarmak.

## 530.5 Ġbir ta' Bulky Refuse

Saret laqgħa mad-District Operations dwar il-Health and Safety u nġibdet l-attenzjoni illi l-insurance tat-trakk li qed juża l-Kunsill għall-bulky refuse għandha tkun Fully Comprehensive. Il-Kunsill jista' għalhekk, jew jirranġa l-insurance tat-trakk jew inkella jġib kuntrattur tal-bulky. Sadanittant, tkellimna mas-Sur Kenneth Cutajar u fthemna miegħu illi se nħallsu l-isurance lil District Operations u huma mbagħad jgħadduhom lil Angelo Axiaq.

## 530.6 Outdoor Gym Equipment

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi x-xogħolijiet ser jibdew dalwaqt. Hawnhekk, is-Sindku ppreżenta email dwar talba minn naħa ta' Kercem Ajax FC fejn qed jitolbu lill-Kunsill Lokali jagħti no objection sabiex issir xi applikazzjoni minn naħa tagħhom. Madanakollu, il-Kunsill ma jistax joħroġ no objection peress li l-art mhix tal-Kunsill iżda tad-Dipartiment tal-Artijiet.

## 530.7 Proposta għal Tennis Court

Il-Kunsill irċieva talba mingħand kumpanija privata li jixtiequ jikru t-tennis court iż-żgħir sabiex jintuza bħala padel tennis court. L-offerta tagħhom kienet bażikament illi jħallsu Eur12,000 fis-sena bħala kera u jieħdu ħsieb kollox huma. Pero', il-Kunsill qabel illi għalkemm dan xorta jrid isir permezz ta' offerta, il-Kunsill xorta ma jistax jitlef il-parking li qed jintuża għalih bħalissa.
Alternattivament, huma ssuġġerew illi jużaw il-bejt taċ-Ċentru Ċiviku iżda din żgur li l-Kunsill mhux ser jaċċettaha.
Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ħareġ bi proposta illi din il-kumpanija tagħmel parkeġġ taħt it-triq u l-kera tonqos b'50%. Ġie deċiż li ngħaddulhom din il-proposta u naraw x'jiġri.

## 530.8 Ħruġ ta' offerti – Restawr tan-niċċa tal-Madonna tal-Patri u restawr tal-għajn t'Għajn Tuta

Is-SE avżat lill-Kunsill illi dawn l-offerti ser joħorġu malli jkollna l-BOQs mingħand il-Periti.

## 530.9 Ilmenti u Suġġerimenti

530.9.1 Ġiet diskussa materja li qajjem is-Sur Joe Borg fil-laqgħa tal-lokalita' li saret qabel din l-istess laqgħa. Huwa baqa' preżenti għal din il-laqgħa. Is-Sur Borg semma li qed isir bini sfrenat u qal li fejn il-Knisja saret applikazzjoni għal outline

development li s'issa ġiet rifjutata. Għalhekk is-Sur Borg qed jitlob illi l-Kunsill Lokali għandu joġġezzjoni kemm-il darba ssir PA application. Huwa ppreżenta ukoll xi dokumenti u ritratti ta' dan is-sit fl-antik. Il-Kunsill Lokali iddiskuta din il-proposta u ddeċieda illi meta tintefa' PA application, jitfa' l-oġġezzjoni tiegħu.

530.9.2 Sar ilment illi hemm ħafna toqob fi Triq San Niklaw. Ser nitolbu lis-CMU sabiex jirranġawhom.

530.9.3 Il-Kunsillier Frankie Attard informa lill-Kunsill illi l-kont tad-dawl tan-nicca tal-Madonna tal-Karmnu nqata' minn fuq Ċelest Cassar. Għalhekk, il-Kunsill qabel li jħallas l-aħħar differenza ta' Eur298.20.

530.9.4 Saret talba biex titranġa bankina fi Triq il-Banda tad-Dudi. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

530.9.5 Saret talba sabiex titranġa bankina fi Triq is-Santwarju Puniku kantuniera ma' Triq Qasam San Pawl. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

530.9.6 Saret talba sabiex issir road hump fi Triq Qasam San Pawl. Il-Kunsill iddeċieda li ser japplika sabiex issir waħda tal-plastik.

530.9.7 Saret talba għal disabled parking fi Triq Kercem. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 530.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 530.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2021 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| Mario Azzopardi | Marianne Sagona |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |